MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 679/2004

**Bartolomeo Grima ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta**
**B. Grima & Sons Building and Turnkey Contractors (ID Nru. 559845M)**

**vs**

**Penza Construction Limited (C 5992)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,576.43) rapprezentanti diversi fatturi ghal servizzi debitament rezi lis-socjeta' konvenuta u/jew prodotti debitament ikkonsenjati lilha fuq ordni jew inkarigu u a beneficcju taghha stess, skond statement anness (Dok. A).

Bl-ispejjez, inkluzi ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Mejju, 2004, debitament notifikata u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-18 ta’ Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------